**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Inferjuri**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, Il-Ġimgha 08 ta' Lulju, 2022**

**Rikors numru:- 127/2017BS**

**Sharlon Vella**

**-vs-**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet u wara emendi fil-ligi llum Awtorita' tal-Artijiet**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ta' Sharlon Vella magħmul ai termini tal-Artiklu 466(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan wara l-ittra uffiċjali bin-numru 127/17 spedita fl-erbatax (14) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) illi ppremettiet:**

Illi l-esponenti Sharlon Vella irċieva ittra uffiċċjali ai termini tal-Artiklu 466 (1) tal Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili fejn ġiet interpellat sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma ta' tlett elef ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u għoxrin ċentezmu (€3,587.27) allegatament bilanċ bħala kumpens ta' okkupazzjoni dovuta lil Kummissarju tal-Artijiet fuq tenamnet numru Z60410 bl-indirizz Blok H,

entrata A, Flat 7, 'Tac-Cawla Housing Estate, Victoria, Għawdex u dan il-perjodu mit-tmintax (18) ta' Ġunju 2002 sas-sittax (16) ta' Ġunju 2010.

Illi dan kollu ġie mitlub permezz tal-ittra suċitata bin-numru 127/17 tal-erbatax (14) ta' Marzu u sbatax (2017) ippreżentata f'din l-Onorabbli Qorti. (Dokument A)

Illi l-esponenti jixtieq jikkontesta l-imsemmija ittra bil-mod segwenti.

Illi preliminarjament, l-esponenti jissottometti illi l-allegat kreditu pretiż huwa preskritt fit-termini tal-Artiklu 2153 tal-Kap sittax (16) tal-Liġijiet ta' Malta; jew altrimenti fit-termini ta' l-artikolu 2156 paragrafi (f) u (ġ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mingħajr preġudizzju għal dan, Sharlon Vella ma għandu jagħti xejn minn dak mitlub.

Illi Sharlon Vella m'għandu jagħti xejn minn dak mitlub tant hu hekk illi fil-passat l-intimat kien qed jipprova jrkura dan l-allegat debitu minn għand nies oħra. Dak li qed jagħmel l-intimat ma huwa xejn għajr *fishing expedition u* qed jinqeda bil-privileġġi li tagħtih il-liġi b'mod abbużiv.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimat Kummissarju tal-Artijiet irid ikun hu li jagħti prova għal dak illi qed jitlob u dan peress li dak kollu li qed jitlob kif ġia intqal m'huwiex dovut.

**Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:**

Thassar l-effetti privileġġjati tal-imsemmija ittra uffiċċjali peress illi għar-raġunijiet suesposti il-ħlas reklamat ma għandux ikun.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet ai termini tal-Artiklu 466(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta illi eċċepew:**

1. Illi preliminarjament, ai termini ta' l-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sta għar-rikorrent sabiex jipprova illi t-talba illi saret mill-esponent illi t-talba illi saret mill-esponent, u dan permezz

ta' l-ittra uffiċjali nru: 127/17 maħruġa a tenur ta' l Artikolu 466 (1) ta' l-istess Kodiċi, mhux waħda fondata;

2. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-bilanċ għal kumpens ta' okkupazzjoni dovuta lill-esponent fuq it-tenement numru HZ60410 bl-indirizz Flat 7, BLK J, ENT A, Triq taċ-Ċawla, Rabat, Għawdex għall-perjodu 18 ta' Ġunju 2002 sas-16 ta' Ġunju 2010 huwa dovut mir-rikorrent *stante* okkupazzjoni fuq l-istess tenement għall-perjodu 18 ta' Ġunju 2002 sas-16 ta' Ġunju 2010;

3. Illi fi kwalunkwe kas fir-rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent illi l-kreditu pretiż huwa preskritt ai termini tal-artikoli 2153 u 2156 (f) u (ġ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad illi r-rikorrenti jrid jissodisfa r-rekwiżiti kif mfissla fl-artikolu 2160 tal-Kap 16 speċifikament is-sub artikolu (3) li jipprovdi illi "*meta parti tagħti gurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*";

4. llli mingħajr preġudizzju għas-suespost l-kreditu pretiż huwa dovut u dan kif ha jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża.

Għaldaqstant, l-esponent qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talba tar-rikorrenti filwaqt illi tikkonferma illi s-somma ta' tlett t'elef, ħames mija u sebgħa u tmenin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€3587.27) hija dovuta lill-esponent Kummissarju tal-Artijiet rappreżentanti ammont dovut mir-rikorrent bħala bilanċ għal kumpens ta' okkupazzjoni fuq it-tenement numru HZ60410 bl-indirizz Flat 7, BLKJ, ENT A, Triq taċ-Ċawla, Rabat, Għawdex għall-perjodu 18 ta' Ġunju 2002 sas-16 ta' Ġunju 2010.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat illi b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2017 il-Qorti kif dak inhar preseduta, laqgħet it-talba tar-rikorrent u awtorizzat iż-żieda fl-okkju tal-kawża sabiex wara l-kliem "Kummissarju tal-Artijiet" jiżdiedu l-kliem "u wara emendi fil-liġi llum Awtorita' tal-Artijiet".

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2020 il-Qorti ordnat illi wara li jiġu eżawriti l-provi kollha tal-partijiet dwar il-preskrizzjoni, hija tgħaddi sabiex tagħti provvediment limitatament dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża inkluż ix-xhieda miġbura.

Rat illi l-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-sentenza in parte limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-25 ta' Frar 2022 in difett t'ostakolu.

Rat illi b'rikors datat 20 ta' Diċembru 2021 ir-rikorrent talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri.

Rat illi b'digriet tat-28 ta' Jannar 2022 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent kif ifformolata fir-rikors tiegħu datat 20 ta' Diċembru 2021, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u awtorizzatu jressaq nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tar-rikorrent datata 22 ta' Jannar 2022 li biha eċċepixxa ulterjorment illi:

Qed jindika raġuni oħra ta' preskrizzjoni li a bażi tagħha t-talbiet tal-intimat għandhom jiġu riġettati u cioe l-preskrizzjonijiet brevi indikati fl-artikolu 2156(a) u 2156(ċ).

Semgħet it-tattazzjoni finali tar-rikorrent dwar l-eċċezjoni ulterjuri.

Rat illi l-kawża ġiet differita għal lum sabiex tingħata sentenza in parte limitatament dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(a), (ċ), (f) u (g).

**Ikkunsidrat**

Il-proċeduri odjerni skattaw minn ittra datata 14 ta' Marzu 2017 mibgħuta mill-Awtorita' intimata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz ta' din l-ittra li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 3 tal-proċess, l-Awtorita' talbet il-ħlas tal-kreditu kwantifikat fl-ammont ta'

€3587.27 rappreżentanti bilanċ għal kumpens ta' okkupazzjoni dovuta mir-rikorrent Sharlon Vella fuq it-*tenement* bin-numru HZ60410 bl-indirizz Flat 7, Block H, Entratura A, Triq taċ-Ċawla, Rabat, Għawdex u dan għall-perjodu mit-18 ta' Ġunju 2002 sas-16 ta' Ġunju 2010.

Fir-rikors li bih inbdew il-proċeduri odjerni fejn ir-rikorrent qiegħed jikkontesta t-talba kif magħmula fl-ittra surriferita, in via preliminari, l-attur eċċepixxa illi l-allegat kreditu huwa preskritt fit-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16 jew altrimenti fit-termini tal-Artikolu 2156 (f) u (ġ) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tal-eċċezzjoni ulterjuri minnu sollevata, r-rikorrent eċċepixxa wkoll illi l-kreditu huwa preskritt anki fit-termini tal-paragrafi (a) u (ċ) tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16.

**Il-Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16**

Ir-rikorrent laqgħa għat-talbiet ta' l-Awtorita' intimata billi eċċepixxa il-preskrizzjoni bjennali fit-termini tal-Artikolu 2153. Id-disposizzjoni taqra hekk:

*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*

Il-pern tal-kwistjoni kollha huwa minn meta beda jiddekori l-perijodu tal-preskrizzjoni.

Il-preskrizzjoni eċċepita mir-rikorrent hija estintiva tat-talbiet għall-ħlas tal-kreditu. F'dan il-każ isib applikazzjoni l-prinċipju illi *actioni non natae non praescribitur* li jfisser illi l-perijodu ta' preskrizzjoni jiddekorri biss minn dak il-mument meta setgħet tinbeda azzjoni in kawtela ta' dritt. Dan il-prinċipju jinstab kritallizat fl-Artikolu 2137 tal-Kap 16 illi jaqra hekk:

*Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'*

L-awturi **<u>Baudry-Lacantinerie u Tissier</u>** jgħallmu illi:

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere …* (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione : Cap XII. Par 364 pag 279).

U aktar illi:

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale".*

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) mogħtija fit-12 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation** fejn ingħad hekk:

*Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika ghall-fatti in kawza. (Ara "**Jeremy Holland nomine -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar, 2000.) Fatti li jridu jirrizultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setghu ngiebu u baqghu ma tressqux;*

*Essenzjalment, il-kwestjoni hi wahda ta' fatt li tiddependi mill-apprezzament tal-provi. Apprezzament dan li jehtieg li jsir minn din il-Qorti gjaladarba l-eccezzjoni giet sollevata f' dan l-istadju u mhux ukoll quddiem it-Tribunal adit;*

…

*Huwa principju maghurf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf. Ghall-attur dan il-mument kien l-24 ta' Novembru 2000 u l-Qorti ma tistax tigbed kongetturi illi dan seta' kien f' xi data anterjuri u bil-fors 'l hinn mis-sentejn li ssemmi l-ligi fl-artikolu specifiku. Ghal kull buon fini l-Qorti tqis li hi proprju l-imsemmija data (24 ta' Novembru 2000) li fiha twieldet l-obbligazzjoni li ssemmi d-duttrina (ara Laurent "Principii di Diritto Civile", Vol. XXXII para 16), u li jrid bhala bidu ta' tluq taz-zmien preskrittiv l-Artikolu 2137, Kodici Civili. Ara b' ezemplari ta' dan il-principju decizjonijiet a Vol. XXVIII P I p 726; Vol. XXIX P II p 103; Vol. XXXVI P II p 509 u Vol. XXXVII P I p 622, fost bosta ohrajn;*

Dwar iż-żmien minn mindu jibda jiddekorri l-perijodu tal-preskrizzjoni, fis-sentenza fl-ismijiet **Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 ingħad hekk:

*Mhux kontestat li l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, li jimponi terminu ta' sentejn biex fiha issir kawza ghall-hlas ta' hsarat, huwa applikabbli ghall-kaz. ...*

*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta ssir il-hsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-hsara. Fil-kawza Xuereb v. Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih". It-test huwa wiehed oggettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-hsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza Mohnani v. Stivala, deciza fil-11 ta' Gunju, 2010, qalet:*

*"… … … jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("Raphel Micallef -vs Anthony Agius", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953").*

*Dan hu principju illi ilu li gie accettat fis-sistema guridika taghna, u allahares ma jkunx hekk, ghax altrimenti jkun ifisser li jekk, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, is-socjeta` attrici tizviluppa s-sit taghha, tmenin (80) jew mitt (100) sena ohra, tkun tista' imbaghad tfittex lill-konvenuti, jew il-werrieta ghad-danni. Din, ovvjament, hija assurda. Sid ta' art mhux marbut meta u kif jizviluppa l-art, u l-bniedem ma jistax jagixxi biex igieghel lill-gar jizviluppa l-art tieghu. Min-naha l-ohra, pero`, sid l-art huwa fid-dover li jhares il-proprjeta` tieghu kontra kull indhil jew hsara. Jekk persuna tokkupalu l-art tieghu animo domini ghal tletin (30) sena, din issir sid gdida tal-art, u s-sid precedenti ma jistax jghid li ma kienx jaf bl-okkupazzjoni ghax, nghidu ahna, kien imsiefer jew ma kienx interessah li jibniha f'dak il-perjodu. Kif irrimarkat l-ewwel Qorti, is-socjeta` attrici, f'dan il-kaz, ma ghamlitx verifiki dwar x'kien qed isir fil-plot ta' magenb taghha, u ma*

*accertatx ruhha li l-konvenuti josservaw id-distanza legali, u ma tistax issa, ghax komda tizviluppa s-sit taghha, tipprova tghatti ghat-traskuragni taghha fiz-zmien propizju.*

*Iz-zmien ta' preskrizzjoni huwa stabbilit ghall-protezzjoni tal-persuna li allegatament ghamlet il-hsara, ghax wara li jghaddi certu zmien, din issibha difficli li ssib u tressaq provi biex tipprova tiskolpa ruhha. F'dan il-kaz, il-legislatur ried li l-azzjonijiet ghad-danni jsiru fi zmien sentejn, u dan minn meta issehh il-hsara, u mhux minn meta l-allegat vittma jpoggi lilu nnifsu li seta' jinduna bil-hsara.*

*Dak li ghamlet l-ewwel Qorti kien li ssospendiet it-terminu tal-preskrizzjoni minhabba allegat impediment ta' fatt. Dan mhux permess fil-ligi. Hu biss f'kaz ta' impediment ta' dritt, kif spjegat minn din il-Qorti fil-kawza Xuereb v. Zammit, deciza fid-9 ta' Marzu, 1994, li l-preskrizzjoni tkun sospiza, u mhux meta jkun hemm xi forma ta' impediment ta' fatt (ara Giorgi "Obbligazioni Vol.VIII para. 245), hlief f'kaz li l-impossibbilita` li wiehed jagixxi "tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghall-kawza estranea, li huwa ma setax jirrimuovi" – ara Lapira v. C.&A. Co. Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fit-2 ta' Gunju, 2003.*

*Id-danni, f'dan il-kaz, avveraw ruhhom fil-perjodu bejn l-1989 u l-1991, u l-kawza kellha ssir fi zmien sentejn minn dak iz-zmien. F'dan il-kaz hi, fil-fatt, setghet tagixxi fi zmien opportun kieku hadet hsieb il-proprjeta` taghha bid-debita attenzjoni, u ma kienx hemm impossibbilita` di agire gejja minn xi haga indipendenti mill-volonta` taghha. Il-preskrizzjoni tibda timxi minn dak in-nhar li s-socjeta` attrici setghet tkun taf bl-inadempjenza, u mhux meta tghazel hi li tinvestiga (ara Mizzi noe v. Cauchi, deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2009).*

Testiżi distinzjoni netta bejn każijiet li għalihom hija eċċepibbli l-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2153 u dawk il-każijiet li għalihom hija eċċepibbli l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16. L-ewwel ma jrid jiġi determinat huwa liema tip ta' preskrizzjoni hija applikabbli għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Paul Abela vs Jane Sheehan et** deċiża fil-31 ta' Ottubru 2007, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) studjat iż-żewġ dispożizzjonijiet u siltet il-parametri li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jingħaraf liema tip ta' preskrizzjoni għandha tapplika. Ingħad hekk:

*Jezisti motiv legali illi ghat-talba kif koncepita, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija fit-termini ta' l-Artikolu 2153, Kapitolu 16, mhix ammissibbli. Hemm okkupazzjoni ta' fond li hi legittima u tikkreja vinkolu, guridikament apprezzabbli, ghax voluta u akkonsentita minn proprjetarju jew possessur tal-fond (ad ezempju, fil-kaz ta' kiri jew ta' kommodat) u hemm okkupazzjoni li hi illegittima ghaliex l-okkupant ta' fond ma jgawdi ebda forma ta' titolu fuqu, u dik l-okkupazzjoni tieghu hi wahda abusiva. F'okkupazzjoni hekk klassifikata mhux bilfors, jew dejjem, jidhlu elementi ta' "mala fede";*

*Ferma din l-introduzzjoni, huwa distingwibbli illi t-talba, kif ifformulata, hi wahda tendenti ghall-hlas ta' kumpens, rapprezentat taht forma ta' kera, ghall-okkupazzjoni ta' fond sine titulo. Talba bhal din ma tikkontjeni ebda karattru Akwiljan, delittwuz jew kolpuz, ankorke jkun il-kaz li dik l-okkupazzjoni kienet illegali ghaliex il-konvenuta appellata ma kellha ebda titolu validu;*

*Certament, it-Tribunal adit ma kellux jitlef di vista l-antecedenti li taw lok ghal kawza quddiemu. Essenzjalment, il-fatt accertat illi, skadut definittivament it-terminu enfitewtiku fid-9 ta' Marzu 1998, is-subcenswalista fil-persuna tal-konvenuta giet, ghar-ragunijiet imfissra fid-decizjoni l-ohra (5 ta' Mejju 2003) bejn l-istess partijiet (Avviz Numru 743/98), qed tokkupa l-fond minghajr titolu effettiv fil-ligi. Dan, kif ulterjorment ikkonfermat minn din il-Qorti, kif presjeduta, fid-decizjoni taghha ta' l-24 ta' Marzu 2004;*

*Hu minn dan desumibbli illi l-inadempjenza da parti tal-konvenuta li tivvaka mill-fond fit-terminazzjoni tal-perijodu enfitewtiku kien jikkostitwixxi mhux biss ksur tal-ligi imma wkoll inadempjenza kuntrattwali li, b' konsegwenza, gabet il-kundanna gudizzjali ta' l-isfratt taghha mill-fond. Tali inadempjenza ma tistax, lontanament, titqies ta' indoli akwiljana, imma wahda ex contractu;*

*Jikkonsegwi minn dan illi l-preskrizzjoni ta' sentejn (Artikolu 2153) opponibbli mill-konvenuta ma kienetx applikabbli. Fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza huwa pacifiku illi "l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (illum, Artikolu 2153, Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni 'extra-kontrattwali', jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni, 'ex delicto vel quasi'." Meta d-danni huma ex contractu ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta' hames snin u mhux ta' sentejn". Ara* ***Kollez. Vol. XXIX P I p 1340; Vol. XIX P III p 106 u Vol. XXVI P I p 54****, fost bosta ohrajn;*

*Tghodd, imbaghad, ghall-fattispeci tal-kaz taht konsiderazzjoni, il-kazistika assodanti illi, in tema ta' talba ghall-hlas ghall-okkupazzjoni ta' fond bla titolu,*

*hi applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali artikolata fid-dispost 2156 (f) tal-Kodici Civili. A skans ta' ripetizzjoni ta' l-aspetti konsiderativi tat-tematika ssir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Prokuratur Legali John Privitera nomine -vs- Prokuratur Legali Ivo Galea et**", Appell, 1 ta' Dicembru, 2000; "**Patrick Staines nomine -vs Charles Falzon et nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru, 2002 per Imhallef Tonio Mallia, u "**Noel Xuereb et -vs- Georg Sapiano nomine**" deciza minn din il-Qorti, kif presjeduta, fl-24 ta' Mejju 2006;*

*Bl-ahhar punt, ma jkunux inopportun li jigi rilevat illi ghal dak li jikkoncerna d-dekorriment taz-zmien tal-preskrizzjoni dan, fil-kaz hawn ikkontemplat, ma setax jibda jghaddi hlief mid-data tad-definizzjoni ta' l-azzjoni li stabbiliet l-ezistenza ta' l-okkupazzjoni bla titolu u ordnat l-izgumbrament. Fil-prattika, mid-decizjoni ta' din il-Qorti tal-24 ta' Marzu 2004. Kif inhu maghruf, fl-ordinament taghna l-principju "contra non volentam agere non currit praescriptio" issib applikazzjoni fil-kazijiet ta' sospensjoni, jew f' dawk fejn, eccezzjonalment, il-ligi tikkoncedi rilevanza lil certi ostakoli materjali ghall-ezercizzju tad-dritt. Ad ezempju, fil-kaz ta' annullament jew rexxissjoni tal-kuntratt minhabba vizzju ta' kunsens, mill-jum li fih ticcessa l-vjolenza jew fil-kaz ta' zball, ghemil doluz jew kawza falza, minn dakinhar li dan jigi skopert. A propositu, l-Artikolu 1223 (1) tal-Kodici Civili;*

*Anke hawn il-gurisprudenza taghna linejarment issostni illi jekk l-ezercizzju ta' azzjoni jkun jiddependi mill-ezitu ta' gudizzju iehor, kif hekk inhu hawn ukoll, il-pendenza ta' dak il-gudizzju l-iehor jikkostitwixxi impediment legittimu ghall-ezercizzju tad-dritt u jissospendi l-preskrizzjoni. Ara "**Caterina Gerada -vs- Dr. Antonio Caruana**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1969 u "**Bartolomeo Xuereb - vs- Carmelo Zammit**", Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994.*

Fil-każ ta' llum jirriżulta illi l-pretensjoni vantata mill-Awtorita' konvenuta hija naxxenti minn allegata okkupazzjoni mingħajr titolu. Fid-dawl tal-ġurisprudenza enuċjata u tal-prinċipji hemm traċċjati, il-preskrizzjoni applikabbli għall-każ ta' llum hija dik kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16.

**Il-Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156 (a), (ċ), (f) u (ġ) tal-Kap 16**

Dik il-parti tal-Artikolu 2156 tal-Kap 16 illi hija ta' rilevanza għall-proċeduri odjerni taqra hekk:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin*

*(a) l-azzjonijiet għal annati ta' ċnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizji, ta' mgħaxijiet ta' ċnus bollali li tnisslu qabel l-14 ta' Awissu, 1862 u għall-ħlas tal-lawdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta' bejgħ jew trasferiment ieħor ta' fondi enfitewtiċi;*

...

*(ċ) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kera ta' bini jew ta' raba';*

...

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

*(ġ) salv kif provdut f'xi liġi speċjali, l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra*

Qabel xejn il-Qorti tgħid illi għalkemm r-rikorrent tefa' xikba wiesa' fis-sens illi akkampa d-difiża tiegħu fuq għadd ta' sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-preskrizzjoni kwinkennali, jidher illi dawn iċ-ċirkostanzi mhux kollha japplikaw għall-każ ta' llum. Il-pretensjoni tal-Awtorita' intimata tirreferi għal-ammonti dovuti dwar okkupazzjoni illegali sitwazzjoni li semmai tista' tiġi ekwiparata ma' azzjoni għall-ħlas ta' kera ta' bini kif inkwadrata taħt l-Artikolu 2156(ċ) tal-Kap 16. Altrimenti, l-pretensjoni tal-Awtorita' intimata tista' tiċċentra wkoll taħt l-Artikolu 2156(f) bil-pretensjoni tiġi meqjusa bħala ħlas ta' kreditu. Ma jidhirx madakaollu illi għall-każ ta' llum jistgħu isibu applikazzjoni l-paragrafi (a) u (ġ) tad-dispożizzjoni ċitata.

L-Artikolu 2156 irid jinqara u jiġi mħaddem flimkien mal-Artikolu 2137 u 2160 tal-Kap 16. Il-Qorti diġa ċċitat id-disposizzjoni tal-Artikolu 2137 aktar 'il fuq. Kwantu għall-Artikolu 2160 dan jaqra hekk:

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn*

*jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

*(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.*

*(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.*

Fid-dawl ta' dak premess fl-Artikolu 2160 għar-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2156, il-Qorti jeħtieġ illi tqis żewġ elementi:

i. minn mindu għandu jingħad illi bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni;
ii. il-ġurament tad-debitur fit-termini tal-Artikolu 2160.

Kif diġa ingħad aktar 'il fuq, fit-termini tal-Artikolu 2137, il-preskrizzjoni tiddekorri mill-mument li fih l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Abbażi ta' dan il-prinċipju, jmiss issa illi l-Qorti tgħaddi sabiex tiddetermina minn mindu beda jiddekori l-perijodu ta' preskrizzjoni fil-każ li għandha quddiemha llum.

Il-kronoloġija tal-fatti tirriżulta illi hija s-segwenti:

1. 14 ta' Frar 2008 – l-Ispetturi tal-Awtorita' tad-Djar għamlu spezzjoni fil-fond mertu ta' din il-kawża u dak inhar irriżulta illi l-fond kien fiżikament okkupat mir-rikorrent.

2. L-Awtorita' tad-Djar żvolġiet riċerka nterna, senjatament fuq is-sistema kompjuterizzata tagħha u fir-reġistru elettorali minn fejn irriżulta illi r-rikorrent kien ilu reġistrat bħala residenti fil-fond *de quo* sa minn Ottubru tas-sena 2002.

3. 29 ta' Lulju 2008 – Mill-minuti ta' laqa' tal-Kumitat Ad Hoc jirriżulta illi dak in-nhar stess tal-laqa' l-Kumitat kien traċċja l-fatti tal-każ u ta l-ordni illi ssir l-iżgumbrament tar-rikorrent mill-fond de quo stante allegata okkupazzjoni mingħajr titolu.

4. 16 ta' Ġunju 2010 – r-rikorrent ġie żgumbrat mill-appartament.

5. B'ittra uffiċjali numru 127/17 datata 14 ta' Marzu 2017 l-Awtorita' intimata avvanzat il-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' kreditu fis-somma ta' €3857.27 rappreżentati kumpens dwar okkupazzjoni għall-perjodu mit-18 ta' Ġunju 2002 sas-16 ta' Ġunju 2010. Għalkemm ma tirriżultax il-prova dwar in-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, in-notifika tagħha mhijiex in kontestazzjoni tant illi r-rikorrent stess jibbaża l-kontestazzjoni tiegħu fuq it-talba kif ifformolata fl-imsemmija ittra uffiċjali.

Delineata l-kronoloġija tal-fatti, jirriżulta illi l-Awtorita' intimata ġiet edotta mill-allegata okkupazzjoni illegali fl-14 ta' Frar 2008 u b'deċiżjoni tad-29 ta' Lulju 2008 ġie deċiż li jsir l-iżgumbrament tar-rikorrent mill-appartament ikkonċernat. Il-Qorti tosserva illi l-iżgumbrament sar fis-16 ta' Ġunju 2010 u cioe kważi sentejn wara li l-Kumitat kien diġa ordna li jsir l-iżgumbrament mill-fond.

Il-Qorti qieset ukoll illi għalkemm l-iżgumbrament tar-rikorrent sar fis-16 ta' Ġunju 2010, l-Awtorita' intimata baqgħet passiva għal perijodu ta' snin konsiderevoli li matulhom m'avvanzat ebda pretensjoni dwar ħlas. Kien biss b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Marzu 2017, u allura, kważi seba' snin wara li sar l-iżgumbrament tar-rikorrent, illi l-Awtorita' intimata avvanzat it-talba tagħha għall-ħlas. Ma jirriżultax illi f'xi żmien qabel din l-ittra uffiċjali l-Awtorita' ressqet fil-konfront tar-rikorrent xi att ġudizzjarju permezz ta' liema nterrompiet il-preskrizzjoni. Dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, l-Artikolu 2128 jipprovdi illi:

*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Dennis Tanti vs Dr Ray Busuttil noe** deċiża fil-25 ta' Settembru 2003 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla ingħad illi:

*Illi l-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-attur li ż-żmien tal-preskrizzjoni beda għaddej minn Lulju tal-1999, jiġifieri minn dak inhar li xiħadd li xtaq jibqa' mistur tarraflu b'dak li kien hemm miktub dwaru fil-GP47 mehmużin mal-aplikazzjonijiet tiegħu għall-ħatriet disponibbli. Ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati tagħna li mhux kull xkiel jagħti lok għall-applikazzjoni tal-massima contra*

*non valentem agere non currit prescriptio. Biex din ir-regola sseħħ, jeħtieġ jintwera (naturalment, minn min jallega li ma setax jaġixxi qabel) li l-impossibilita' li wieħed jaġixxi trid tkun waħda indipendenti mir-rieda tiegħu, dovuta għal kawża 'l barra minnu liema kawża ma setax iwarrab*[1] *. Fil-każ preżenti, l-għamil li l-attur jgħid li l-imħarrkin iridu jwieġbu għalih seħħ żgur qabel ma l-applikazzjonijiet tiegħu bdew jitqiesu mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Jekk għandu raġun f'dak li qiegħed jallega - jiġifieri li kien minħabba dak l-għamil li huwa ma ntgħażilx għall-ħatriet li applika għalihom - iż-żmien li fih kellu jressaq l-azzjoni tiegħu beda jgħaddi minn dak inhar. Il-Qorti, f'dan l-aspett, issib li jkollha taqbel mas-sottomissjoni tal-imħarrkin li l-attur, fil-proċeduri li kien diġa' beda wara li ħareġ ir-riżultat, kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-possibilita' u l-mezzi li jintebah b'dak l-għamil fi żmien utli. Ir-raġuni miġjuba minnu (imma bl-ebda mod ippruvata) hija dgħajfa wisq biex tintlaqa';*

*Illi minn dan kollu joħroġ li fil-fatt l-attur naqas li jressaq il-kawża tiegħu fiż-żmien li kienet tagħtih il-liġi. Bl-ebda mod ma jista' jingħad li ż-żmien preskrittiv ġie interrott bl-għoti tal-ħatra lill-attur matul iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża u dan għaliex il-ħatra ma ngħatatx lilu mill-imħarrkin. Jekk xejn, l-effett tal-għoti tal-ħatra lill-attur b'effett li jmur lura għaż-żmien meta kien oriġinarjament ikun eliġibbli għaliha, u l-aċċettazzjoni tiegħu ta' tali ħatra b'dik il-kundizzjoni, jista' jkollhom effett fuq l-interess ġuridiku tal-attur li jissokta bil-kawża preżenti. Imma din il-kwestjoni ma tagħmilx parti mill-istħarriġ li din il-Qorti ntalbet tagħmel f'din is-sentenza;*

*Illi mhux kontestat lanqas li, qabel ma beda l-kawża preżenti, l-attur ma jidher li interpella bl-ebda mod lill-intimati b'xi att ġudizzjarju li seta' jinterrompi l-preskrizzjoni;*

Għal dak illi jikkonċerna d-dekorriment tal-perijodu preskrittiv, jinkombi fuq r-rikorrent illi juri b'mod definittiv il-mument minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni. Ir-rikorrent naqas milli jindika data preċiża li minnha, fil-fehma tiegħu, kellu jibda għaddej it-terminu ta' ħames snin. Għalhekk, mhuwiex ċar għall-Qorti jekk huwa huwiex qiegħed jippretendi li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mill-14 ta' Frar 2008 u cioe minn meta saret l-ispezzjoni in situ u ġiet magħrufa l-okkupazzjoni llegali, jew mid-29 ta' Lulju 2008 u cioe minn dak inhar illi ttieħdet id-

[1] Ara , per eżempju App. Kumm.. 15.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet Attard noe vs Fenech (Kollez. Vol: XLIX.i.500) u App. Inf. 12.5.2003 fil-kawża Mario Testa vs Alfred Theuma et

deċiżjoni li ssir l-izgumbrament jew mis-16 ta' Ġunju 2010 meta huwa ġie żgumbrat mill-appartament jew inkella minn xi data oħra.

Ferm il-premess, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti tisħaq li huwa fl-obbligu tagħha li xorta waħda tindaga hi stess id-data li minnha bdiet għaddejja l-preskrizzjoni. F'dan il-kuntest il-Qorti sejra tirreferi għall-insenjament traċċjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet **Citadel insurance plc noe et vs Anthony Mizzi** fejn ingħad hekk:

*"Il-Qorti dejjem u f'kull każ ghandha l-obbligu li tistharreg d-data minn meta l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni, ghandha tichad l-eccezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci**, 28 ta' Novembru 2002)."*

Għandu jingħad illi fl-ittra tagħha tal-14 ta' Marzu 2017 l-Awtorita' intimata tagħmilha ċara li l-pretensjoni tagħha hija dwar okkupazzjoni llegali matul il-perjodu mit-18 ta' Ġunju 2002 sas-16 ta' Ġunju 2010. Dan iwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li fil-każ ta' llum il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri mid-data tat-18 ta' Ġunju 2002 għar-raġuni li kien sewwasew mill-ewwel jum tal-okkupazzjoni llegali li tnissel id-dritt tal-Awtorita' illi tavvanza l-pretensjoni tagħha fil-konfront tar-rikorrent Vella.

Tant dwar il-perijodu minn mindu bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

Imiss issa illi l-Qorti tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha għar-rigward it-tieni element li jikkonċerna l-ġurament tad-debitur ai termini ta' dak stabbilit taħt l-Artikolu 2160 tal-Kap 16. F'dan il-kuntest irid jingħad illi in segwitu għall-emendi illi ġew introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att numru 1 tas-sena 2017 li daħal fis-seħħ b'effett mit-13 ta' Jannar 2017, jeħtieġ illi meta tiġi eċċepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156, il-Qorti trid tqis din l-eċċezzjoni fid-dawl tal-elementi ravviżati fl-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16 liema artikolu ġie ċitat aktar 'il fuq.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd vs Paul Mifsud et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-26 ta' Jannar 2018 ingħad dan illi ġej:

*'… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn*

*il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-Qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '… Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur.'*[2]

Minn dan isegwi illi l-emendi riċenti fil-liġi biddlu radikalment il-pożizzjoni tad-debitur. Ai termini tal-Artikolu 2160 kif emendat, jinkombi fuq id-debitur li minn jeddu u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża jikkonferma illi mhuwiex debitur.

[2] **Vincenza Vella vs Carmela armla Sciberras**, deċiża mill-Prim Awla, Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 1963

Fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2018 fl-ismijiet **P&S (C4860) et vs Noel Zammit et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili daħlet fuditus fil-kwistjoni tal-effetti provokati mill-emendi għall-Artikolu 2160. Il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*'...Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikoli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. ...'*

Permezz ta' affidavit li ġie ġuramentat fl-1 ta' Marzu 2022 r-rikorrent xehed illi "*jien ngħid illi ma għandi nħallas xejn minn dak mitlub*". Fit-termini tal-Artikolu 2160 tal-Kap 16 dan il-ġurament jagħti effett lill-preskrizzjoni kif imsemmija taħt l-Artikolu 2156.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt illi l-Qorti diġa għamlet u abbinati dawn mal-ġurisprudenza supra ċitata l-Qorti tqis bħala pjenament sodisfatt il-vot tal-liġi kif rifless taħt l-Artikolu 2160. Stabbilit dan u stabbilit ukoll illi l-preskrizzjoni bdiet għaddejja mid-data tat-18 ta' Ġunju 2002, il-Qorti ssib illi l-azzjoni ta' l-Awtorita hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (ċ) u (f) tal-Kap 16.

**Decide**

Għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddikjara l-pretensjoni tal-Awtorita' intimata bħala preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (ċ) u (f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.  Konsegwentement il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet kif dedotti.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom ikunu a karigu ta' l-Awtorita intimata.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur